

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 84/2014**tat-30 ta' Jannar 2014****dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjonijiet ta' *Pediococcus pentosaceus* DSM 14021, *Pediococcus pentosaceus* DSM 23688 jew *Pediococcus pentosaceus* DSM 23689 bħala addittivi tal-ġhalf għal kull speċi tal-annimali****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-ġhalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-ġhalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-ġħoti ta' din l-awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10(7) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 flimkien mal-Artikolu 10(1) sa (4) tiegħu jistipula dispożizzjonijiet speċifiċi għall-evalwazzjoni tal-prodotti użati fl-Unjoni bħala addittivi tal-furrajna dakinhar li dħal fis-seħħ ir-Regolament.
- (2) Skont l-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, il-preparazzjonijiet ta' *Pediococcus pentosaceus* DSM 14021, *Pediococcus pentosaceus* DSM 23688 jew *Pediococcus pentosaceus* DSM 23689 kienu ddaħħlu fir-Reġistru tal-Addittivi fl-Ġhalf bħala prodotti eżistenti li jappartjenu għall-grupp funzjonali tal-addittivi tal-furrajna, għal kull speċi tal-annimali.
- (3) Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu, tressqu applikazzjonijiet biex daww il-preparazzjonijiet jiġu awtorizzati bħala addittivi tal-ġhalf għal kull speċi tal-annimali, u ntalab li dawn l-addittivi jitniżżlu fil-kategorija "addittivi teknoloġiċi" u fil-grupp funzjonali "addittivi tal-furrajna". Daww l-applikazzjonijiet tressqu magħhom id-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet fl-opinjoni tagħha tat-18 ta' Ġunju 2013 ⁽²⁾ li, skont il-kundizzjonijiet tal-użu proposti, l-użu ta' razez fil-produzzjoni tal-furrajna jitqies sikur għall-ispeċijiet tal-bhejjem, għall-konsumaturi ta' prodotti li ġejjin mill-annimali mitmugħa l-furrajna trattata u għall-ambjent.

L-Awtorità kkonkludiet ukoll li kull waħda mit-tliet preparazzjonijiet għandhom il-potenzjal ijebru l-produzzjoni tal-furrajna għax inaqqsu l-pH u jżidu l-konċentrazzjoni tal-aċidu lattiku, u allura tiżdied il-preservazzjoni ta' materjal niexef f'foraġġ li hu faċli jew xi ftit diffiċli biex jinħażen fis-sajlo. L-Awtorità tqis li ma hemmx bżonn rekwiżiti speċifiċi għal monitoraġġ wara l-kummerċjalizzazzjoni. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodi ta' analiżi tal-addittivi tal-ġhalf imressaq mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

- (5) Il-valutazzjoni tal-preparazzjonijiet ikkonċernati turi li ntlaħqu l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Għaldaqstant, l-użu ta' dawn il-preparazzjonijiet għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (6) Billi r-raġunijiet dwar is-sikurezza ma jeħtiġux applikazzjoni mill-ewwel tal-emendi tal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni, jixraq li jkun permess perjodu tranżitorju għall-partijiet interessati biex iħejju lilhom infushom ħalli jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.
- (7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1**L-awtorizzazzjoni**

Il-preparazzjonijiet speċifikati fl-Anness li huma parti mill-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "addittivi tal-furrajna", huma awtorizzati bħala addittivi fl-ġhalf tal-annimali, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2**Il-miżuri ta' tranżizzjoni**

Il-preparazzjonijiet speċifikati fl-Anness u l-ġhalf li jkun fihom, li huma prodotti u tikkettati qabel l-20 ta' Awwissu 2014 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel l-20 ta' Frar 2014 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jintużaw il-ħażniet eżistenti.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

⁽²⁾ The EFSA Journal 2013; 11(7):3284.

*Artikolu 3***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

In-numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	L-addittiv	Il-kompożizzjoni, il-formola kimika, id-deskrizzjoni, il-metodu analitiku	L-ispeċi jew il-kategorija tal-annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmien il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						CFU/kg ta' materjal frisk			
Il-kategorija ta' addittivi teknoloġiċi. Il-grupp funzjonali: addittivi tal-furrajna									
1k1009	—	<i>Pediococcus pentosaceus</i> DSM 14021	<i>Il-kompożizzjoni tal-addittiv</i> Il-preparazzjoni ta' <i>Pediococcus pentosaceus</i> DSM 14021 li fiha addittiv minimu ta' 1×10^{11} CFU/g <i>Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i> Ċelloli vijabbli ta' <i>Pediococcus pentosaceus</i> DSM 14021 <i>Il-metodu analitiku</i> ⁽¹⁾ In-numerazzjoni tal-addittiv tal-ġhalf: il-metodu tat-tifrix permezz tal-agar MRS (EN 15786) Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE).	Kull speċi tal-annimali	—	—	—	1. Fl-istruzzjonijiet tal-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, indika l-kundizzjonijiet tal-ħażna. 2. Il-kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr ma jitħallat ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittivi tal-furrajna: 1×10^8 CFU/Kg ta' materjal frisk f'materjal xi ftit diffiċli biex jinħażen fis-sajlo ⁽²⁾. 3. Għas-sikurezza: huwa rakkomandat li jintużaw il-protezzjoni għall-immnifsejn u għall-għajnejn u l-ingwanti waqt l-immaniġġjar.	l-20 ta' Frar 2024
1k1010		<i>Pediococcus pentosaceus</i> DSM 23688	<i>Il-kompożizzjoni tal-addittiv</i> Il-preparazzjoni ta' <i>Pediococcus pentosaceus</i> DSM 23688 li fiha addittiv minimu ta' 1×10^{11} CFU/g <i>Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i> Ċelloli vijabbli ta' <i>Pediococcus pentosaceus</i> DSM 23688 <i>Il-metodu analitiku</i> ⁽¹⁾ In-numerazzjoni tal-addittiv tal-ġhalf: il-metodu tat-tifrix permezz tal-agar MRS (EN 15786) Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE).	Kull speċi tal-annimali				1. Fl-istruzzjonijiet tal-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, indika l-kundizzjonijiet tal-ħażna. 2. Il-kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr ma jitħallat ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittivi tal-furrajna: 1×10^8 CFU/Kg ta' materjal frisk f'materjal xi ftit diffiċli biex jinħażen fis-sajlo ⁽²⁾. 3. Għas-sikurezza: huwa rakkomandat li jintużaw il-protezzjoni għall-immnifsejn u għall-għajnejn u l-ingwanti waqt l-immaniġġjar.	

In-numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	L-addittiv	Il-kompożizzjoni, il-formola kimika, id-deskrizzjoni, il-metodu analitiku	L-ispeċi jew il-kategorija tal-annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						CFU/kg ta' materjal frisk			
1k1011	—	<i>Pediococcus pentosaceus</i> DSM 23689	<i>Il-kompożizzjoni tal-addittiv</i> Il-preparazzjoni ta' <i>Pediococcus pentosaceus</i> DSM 23689 li fiha addittiv minimu ta' 1×10^{11} CFU/g <i>Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i> Ċelloli vijabbli ta' <i>Pediococcus pentosaceus</i> DSM 23689 <i>Il-metodu analitiku</i> ⁽¹⁾ In-numerazzjoni tal-addittiv tal-ġhalf: il-metodu tat-tifrix permezz tal-agar MRS (EN 15786) Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE).	Kull speċi tal-annimali	—	—	—	1. Fl-istruzzjonijiet tal-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, indika l-kundizzjonijiet tal-ħażna. 2. Il-kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr ma jitħallat ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittivi tal-furrajna: 1×10^8 CFU/Kg ta' materjal frisk f'materjal xi ftit diffiċli biex jinħażen fis-sajlo ⁽²⁾ . 3. Għas-sikurezza: huwa rakkomandat li jintużaw il-protezzjoni għall-immnifsejn u għall-għajnejn u l-ingwanti waqt l-immaniġġjar.	l-20 ta' Frar 2024

⁽¹⁾ Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu f'dan l-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx

⁽²⁾ Foraġġ faċli biex jinħażen fis-sajlo: > 3 % karboidrati li jinħallu fil-materjal frisk. Foraġġ xi ftit diffiċli biex jinħażen fis-sajlo: 1,5 % — 3,0 % karboidrati li jinħallu fil-materjal frisk. Ir-Regolament (KE) Nru 429/2008. ĠU L 133, 22.5.2008, p. 1.